MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 340/2009

**Clive Joseph Tonne
ID-185772(M)**

**vs**

**Patrick Catania (ID-795660-M) u
Anne Catania (ID-121763-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuti ghandhom jghidu ghaliex l-ammont kumplessiv ta' elf, sitt mija u seba' u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,697.62c) rapprezentanti s-somma ta' €1,397.62c bhala depozitu lilhom imhallas mill-attur meta ordna lill-intimat jahdimlu tieqa kbira, hames twieqi zghar u seba' bibien ta' l-injam u €300 bhala l-ammont ta' spejjez ta' trasport li l-attur nefaq fuq ordni tal-intimat biex igib b'urgenza, ghadd ta' cappetti, firrolli u accessorji ohra

biex wara, l-istess xoghol baqa' qatt ma tlesta mill-intimat minkejja li dan zamm id-depozitu fuq imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-5 ta' Lulju 2003 u cioe' mill-jum li fih l-attur hallas lill-intimat id-depozitu sad-data tal-hlas eventwali. L-intimati huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi fl-ewwel lok u preliminarjament jigi eccepit illi Anne Catania mhiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li kwalunkwe transazzjoni li saret bejn il-partijiet saret waqt l-ezercizzju tan-negozju ta' Patrick Catania u ghaldaqstant Anne Catania ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur; illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija preskritta bit-terminu ta' hames-(5) snin u dan ai termini ta' l-artikolu 2156 sub-artikolu (5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien tort l-attur stess illi bl-agir tieghu jew pjuttost bin-nuqqas ta' agir tieghu, tilef id-dritt ghall-hlas lura ta' kwalunkwe depozitu mhallas minnu lill-konvenut; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol li ghalih thallas id-depozitu ma sarx konsegwenza ta' nuqqasijiet da parti tal-attur u mhux tal-konvenut u ghalhekk legalment l-attur ma ghandux il-jedd jitlob ir-rifuzjoni tad-depozitu in kwistjoni, per conseguenza, l-attur mhux intitolat jitlob il-hlas lura ta' xi spejjez ohra li saru mill-attur, stante li x-xoghol ma sarx b'tortijiet imputabbli lill-konvenut; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' depozitu mhallas lill-konvenut kien ferm anqas mill-ammont indikat mill-attur kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qed jippretendi hlas ta' imghaxijiet fuq l-ammont, izda l-ebda imghax ma hu dovut stante li kwalunkwe dewmien kien unikament tort l-istess attur; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, li nghatat fl-14 ta' Lulju 2010.
Semgha x-xhieda u ra d-dokumenti li gew pprezentati.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidra,

Illi l-attur xehed illi nkariga s-servizzi tal-konvenut sabiex dan tal-ahhar, li jezercita s-sengha ta' mastrudaxxa, jahdem aperturi tal-injam – senjatament seba'-(7) bibien, hames-(5) twieqi zghar u tieqa kbira – li kellhom jigu installati fil-fond proprjeta' tal-attur gewwa r-Rabat. Illi dan kien f'Lulju 2003, u wara li l-konvenut ta lill-attur l-istima ghal dawn ix-xogholijiet, l-attur ghamel l-ordni u wettaq hlas akkont tal-prezz finali – li kien jammonta ghal elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) ekwivalenti ghal tliet elef disa' mija disgha u hamsin euro u tlieta u disghin centezmu (€3,959.93c) – fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) ekwivalenti ghal elf tliet mija sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62c). Illi l-konvenut ha l-qisien tal-aperturi li kellhom jigu installati u ghalkemm il-partijiet ma ftehmux fuq data specifika sa meta kellu jigu kompletat u kkonsenjat ix-xoghol, l-attur haseb illi l-konvenut kien ser jibda bix-xogholijiet minnufih.

Illi fil-frattemp l-attur kien ghaddej minn xi problemi personali u ghalhekk ma ghamel ebda kuntatt mal-konvenut sabiex jivverifika dwar l-andament tax-xoghol. Illi eventwalment, madwar tliett-(3) snin wara, l-attur avvicina lill-konvenut sabiex jara f'hix kien wasal ix-xoghol, u hu gie informat mill-konvenut illi x-xoghol kien ghadu ma bdiehx. Illi l-konvenut accertah illi hekk kif ilesti x-xoghol li kien qed jahdem fuqu dak iz-zmien, kien ser jibda jahdem fuq l-aperturi tieghu. Illi fil-frattemp oht l-attur, u cioe' Doriana Cristina, ukoll ghamlet ordni ghand il-konvenut sabiex jahdmilha kcina, kamra tas-sodda u xi bibien. Illi peress illi oht l-attur kienet qed toqrob sabiex tizzewweg, l-attur ftiehem mal-konvenut illi kellu jahdem ix-xoghol taghha l-ewwel, imbaghad jahdem tieghu wara. Illi effettivament dan ix-xoghol inhadem u gie kkonsenjat fuq medda ta' zmien bejn Settembru 2006 sa Frar 2008.

Illi wara li gie kkonsenjat dan ix-xoghol, l-attur rega' avvicina lill-konvenut sabiex jistharreg dwar meta kien ser

jigi kkonsenjat ix-xoghol intiz ghalih, u jidher illi l-ftehim kien illi dan ix-xoghol kellu jigi kkonsenjat sal-ahhar tas-Sajf 2008. Illi minkejja f'dan, ix-xoghol baqa' ma giex kompletat, u meta l-attur mar fil-*workshop* tal-konvenut f'Ottubru 2008 akkumpanjat minn Claire Coleiro, sar jaf minghand il-konvenut illi kien ghadu lanqas beda x-xoghol, u li kien jehtieg li jerga' jiehu l-kejl tal-aperturi. Illi l-partijiet ftehmu illi x-xoghol kellu jigi kkonsenjat sal-ahhar tal-2008. Illi ghalhekk il-konvenut ta struzzjonijiet lill-attur sabiex jixtri l-*fittings* li kellhom jitwahhlu mal-aperturi, u peress illi kienu mehtiega fi zmien qasir, l-attur kellu jidhol fi spiza addizzjonali sabiex dawn l-oggetti jigu minn barra kemm jista' jkun malajr.

Illi waslet l-ahhar tas-sena, ix-xoghol baqa' ma giex ikkonsenjat lill-attur, u ghalhekk l-attur iddecida illi jittermina l-appalt, filwaqt illi jitlob lill-konvenut sabiex jirrifondi d-depozitu li kien hallas. Illi l-attur kien imur il-garage tal-konvenut sabiex jgharrfu dwar dan, izda ma kienx isibu hemm; eventwalment sabu fil-*wokshop* fis-27 ta' Frar 2009, u meta l-attur gharrfu li ma riedux iwettaq ix-xoghol u talab lura d-deposit, il-konvenut irrifjuta li jrodd il-flus lura u nqala' argument bejn il-partijiet. Illi fil-frattemp, l-attur inkariga persuna ohra sabiex tghamel dan ix-xoghol, u dawn l-aperturi nhadmu u gew ikkonsenjati. Illi l-*fittings* li l-attur kien ordna, intuzaw fuq dawn l-aperturi li nhadmu mit-terza persuna.

Illi din il-verzjoni tal-fatti giet konfermata minn oht l-attur, Doriana Cristina u minn Claire Coleiro; oht l-attur iddikjarat illi hi ghamlet l-ordni taghha lill-konvenut fl-2005, u l-ghamara tal-kcina giet ikkonsenjata f'Settembru 2006, l-ghamara tal-kamra tas-sodda f'Mejju 2007, zewg bibien f'Ottubru 2007 u tliet-(3) bibien ohra fi Frar 2008. Iddikjarat ukoll illi waqt illi kien qed jahdem l-ghamara tal-kcina taghha, l-attur kellu incident fuq il-post tax-xoghol, u kien ser jitlef xi swaba ta' idejh. Illi oht l-attur iddikjarat illi huha kien ftiehem mal-konvenut illi dan tal-ahhar ser jahdem fuq l-aperturi tal-attur hekk kif lesta mix-xoghol taghha; madanakollu, meta akkumpanjat lil huha fil-*workshop* tal-konvenut fis-27 ta' Frar 2009, sabu illi l-konvenut kien ghadu lanqas beda x-xoghol, u minhabba

f'hekk inqala' argument bejn iz-zewg partijiet. Illi da parti taghha, Claire Coleiro kienet marret mal-attur fil-*workshop* tal-konvenut f'Ottubru 2008, u f'dak l-istadju l-konvenut kien ghadu ma bediex ix-xoghol li l-attur kien ordna.

Illi l-konvenut da parti tieghu ddikjara illi huwa minnu li l-attur ghamel ordni mieghu sabiex jahdem xi aperturi tal-injam, izda peress illi l-attur kien qed jaghmel xi xogholijiet strutturali fil-proprjeta' fejn kellhom jigu installati dawn l-aperturi, ftiehem meghu illi ser jinformah meta jigu kompletati dawn ix-xogholijiet sabiex l-istess konvenut ikun imur jista' jiehu l-kejl sew. Illi hu xtara l-injam sabiex jahdem dawn l-aperturi, liema injam kellu bzonn iz-zmien sabiex jinxef. Illi fil-frattemp oht l-attur, u cioe' Doriana Cristina ghamlet ordni wkoll ghal xi xoghol, u l-konvenut beda jahdem dan ix-xoghol. L-istess konvenut kellu jsir jaf minghand oht l-attur illi dan tal-ahhar kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali, u ghalhekk il-konvenut deherlu li ma kienx il-waqt li javvicinah dwar ix-xoghol li kellu jahdimlu. Illi waqt illi kien qed iwettaq ix-xoghol ordnat minn oht l-attur, hu wegga' serjament fuq il-post tax-xoghol, izda x-xoghol baqa' ghaddej minn impjegat tieghu li kien qed jghamel ix-xoghol taht is-sorveljanza tal-istess konvenut. Madanakollu, hu rritorna lura ghax-xoghol fuq bazi regolari u permanenti f'Gunju 2007. Illi l-konvenut ikkonsenja x-xoghol lil oht l-attur, li da parti taghha ghamlet ordni ohra ghal xoghol iehor. Illi oltre dan, oht l-attur tant kienet kuntenta bix-xoghol li hadmilha, illi ppermettiet lill-klijienti ohra tal-konvenut illi jidhlu fid-dar taghha sabiex jaraw ix-xoghol tieghu. Illi bi qbil mal-attur, il-konvenut kien uza l-injam li kien intiz ghall-istess attur sabiex jahdem ix-xoghol ta' oht l-attur, u rega' xtara l-injam sabiex eventwalment juzah ghall-aperturi li ordna l-attur.

Illi l-konvenut iddikjara illi kien biss f'Marzu 2008 illi l-attur rega' avvicinah dwar ix-xoghol li kien ordna minghandu, u peress illi kien ghaddej b'xoghol ta' haddiehor, gharrfu illi kellu jehles dak ix-xoghol qabel ma jibda tieghu. Illi meta rega' avvicinah wara s-Sajf, il-konvenut gharraf lill-attur li kien jonqos madwar xahar u nofs qabel ma jibda jahdem fuq l-ordni tal-istess attur, u ssuggerilu illi fil-frattemp jixtri

l-*fittings*. Illi l-konvenut rega' mar fil-post tal-attur sabiex jerga' jiehu l-kejl u sab illi x-xogholijiet kienu ghadhom ghaddejjin, u ghalhekk ma setax jiehu l-kejl bi precizjoni. Illi l-konvenut avza lill-attur illi qabel ma jkollu l-*fittings* f'idejh ma setax jahdem ix-xoghol, u ghalhekk il-partijiet ftehmu illi ser jibda x-xoghol meta dawn il-fittings jaslu. Illi fil-frattemp, u peress illi l-*fittings* damu ma waslu sa Frar 2009, dahal xi xoghol gdid, u l-konvenut beda jahdem fuq dan ix-xoghol gdid. Illi meta gie avzat minn Protrade Limited illi l-*fittings* kienu waslu, il-konvenut ikkomunika minnufih mal-attur sabiex jitkellmu dwar meta kien ser jibda x-xoghol, peress illi kien dahal xoghol gdid, u meta l-attur mar ghandu, minflok ma ftehmu dwar zmien, l-attur avzah illi ma riedux aktar jahdimlu l-aperturi izda ried d-deposit lura. Ghalkemm il-konvenut ried jahdem ix-xoghol ordnat mill-attur, l-attur irrifjuta.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob refuzjoni tas-somma ta' elf tliet mija sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62c) li thallset minnu lill-konvenut bhala depozitu akkont ta' prezz miftiehem bejn il-partijiet sabiex il-konvenut jesegwixxi xoghol ta' aperturi tal-injam li kellhom jigu installati fil-fond proprjeta' tal-attur. Illi ghalkemm l-ordni saret f'Lulju 2003, bhala stat ta' fatt irrizulta illi sa Frar 2009 – u cioe' meta l-attur gharraf lill-konvenut illi kien qed jittermina l-ftehim ta' appalt – dan ix-xoghol kien ghadu ma nhadimx u ghalhekk ma setax jigi kkonsenjat.

Illi ghalkemm jidher illi l-partijiet qed jaqblu illi meta saret l-ordni ma kien hemm ebda ftehim specifiku dwar meta kellu jigi kkonsenjat ix-xoghol, madanakollu, mhux qed jaqblu bejniethom dwar l-intendiment li kien hemm beniethom dwar meta kellu jigi ezegwit ix-xoghol. Illi filwaqt illi l-attur qed jatribwixxi d-dewmien fl-ezekuzzjoni u twettiq tax-xoghol lill-konvenut, l-istess konvenut isostni illi l-attur ghamel diversi snin ma kkomunikax mieghu sabiex jibda x-xoghol, u meta eventwalment ikkomunika mieghu, ried illi l-konveut jwettaq ix-xoghol fi zmien qasir.

Illi l-konvenut isostni illi hu kien ghadu dispost illi jezegwixxi l-appalt, dan anke wara li l-attur avzah illi kien qed jittermina l-ftehim ta' bejniethom, izda l-attur ma kellux aktar interess illi x-xoghol jigi mwettaq mill-konvenut, tant illi nkariga lil terzi sabiex jghamlu dan ix-xoghol. Illi l-attur ikkonferma wkoll illi l-*fittings* li kien ordna u xtara sabiex jintuzaw mill-konvenut, effettivament ntuzaw fix-xoghol li gie mwettaq mit-terz.

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attur qed jitlob ukoll hlas tal-ammont ta' mitejn u hamsa u disghin euro (€295), liema ammont jirraprezenta spiza addizjonali li l-attur gie kostrett li jhallas sabiex jigu kkonsenjati fi zmien qasir xi *fittings* li l-konvenut kien jehtieg sabiex iwettaq ix-xoghol ordnat mill-attur.

Ikkunsidra,

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u cioe' illi l-konvenuta Anne Catania ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi t-transazzjoni li saret bejn il-partijiet kienet qed tigi mwettqa mill-konvenut fl-ezercizzju tan-negozju tal-konvenut, it-Tribunal jaqbel mal-linja difenzjonali li giet sollevata mill-konvenuti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, u cioe' illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta ghandha tigi mehlusa mir-responsabilita' ghall-hlas ta' dan id-debitu; illi l-provvediment tal-ligi hawn imsemmi jipprovdi ghal sitwazzjonijiet proprju bhal dik li qed tigi trattatta f'din l-azzjoni, fejn wiehed mill-partijiet fi zwieg li jkun jiggestixxi negozju, ma jkunx qed jorbot – bid-decizjonijiet li jkun qed jiehu u t-transazzjonijiet u ftehim li jkun qed jilhaq ma' terzi – lill-parti l-ohra fiz-zwieg, purche' illi tali azzjoni u decizjonijiet ikunu qed jittiehdu fil-kuntest ta' gestjoni tan-negozju. Illi jsegwi ghalhekk illi ladarba mill-atti ma rrizultax illi l-konvenuta hija nvoluta fil-gestjoni tan-negozju mwettaq mill-konvenut, u t-transazzjoni u l-ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti kienu "*att normali ta' gestjoni ta' kummerc*", allura jsegwi illi l-konvenuta m'ghandhix tkun tenuta illi tghamel tajjeb ghall-ammont mitlub mill-attur in forza ta' din l-azzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal ser

jghaddi sabiex jehles lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar it-talba tal-attur in kwantu hija rivolta fil-konfront tal-konvenut, u aktar specifikament f'dak li jirrigwarda t-talba tal-attur ghar-refuzjoni tad-depozitu li thallas lill-konvenut sabiex dan tal-ahhar jesegwixxi l-appalt miftiehem, irrizulta bhala stat ta' fatt illi tali appalt ma giex ezegwit. Illi l-partijiet qed jatribwixxu htija u nuqqasijiet lil xulxin bhala r-raguni ghalfejn tali appalt ma giex imwettaq. Madanakollu, u bhala stat ta' fatt, irrizulta illi x-xoghol ordnat mill-attur baqa' qatt ma gie mahdum u wisq anqas ikkonsenjat mill-konvenut.

Illi l-Artikolu 1640 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghall-eventwalita' bhal dik li wasslet lill-attur sabiex ressaq din l-azzjoni, u cioe' meta ftehim ta' appalt jigi terminat minn min ikun ikkummissjona x-xoghol, f'dan il-kaz l-attur. Illi l-istess Artikolu jipprovdi illi tali terminazzjoni u hall tista' ssir fi kwalunkwe waqt minn min ikun ta x-xoghol, u liema terminazzjoni tista' ssir bi kwalunkwe mezz. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi gie sodisfacentement ipprovat illi l-attur avza lill-konvenut illi l-ftehim ta' appalt kien qed jigi terminat, u gialadarba rrizulta wkoll illi f'dak l-istadju l-konvenut kien ghadu ma bediex sabiex jezegwwixxi x-xoghol rikjest minnu, allura jsegwi illi m'hemmx spejjez x'jinqatghu u jithallsu a favur il-konvenut. Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu jsostni illi hu rega' xtara l-injam, wara li l-ewwel konsenja ta' injam uzaha ghal oht l-attur, u dan sabiex ikun jista' jahdem l-ordni tal-konvenut. Madanakollu, l-istess konvenut ma ressaq ebda provi, u lanqas ma ppropona kontrotalba, sabiex jitlob u jissostanzja l-allegazzjoni tieghu illi nkorra xi spejjez fl-ezekuzzjoni tal-appalt in kwistjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-depozitu mhallas mill-attur lill-konvenut, u cioe' l-ammont ta' elf tliet mija sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62c) ghandu jigi refuz u mhallas lill-attur fl-intier tieghu.

Illi f'dak li jirrigwarda l-ispiza addizzjonali li l-attur nkorra sabiex jigu kkonsenjati l-*fittings* li l-konvenut kien jehtieg sabiex jigi mwettaq ix-xoghol, liema spiza tammonta ghal

mitejn hamsa u disghin euro (€295) u li tirrizulta mill-fattura a fol.61 tal-atti, deskritta bhala *freight charges*, it-Tribunal mhux konvint illi tali spiza kienet b'xi mod konnessa mall-allegat urgenza tal-konsenja, ghaliex mid-deposizzjoni li nghata mir-rapprezentant ta' Protrade Limited irrizulta illi tali konsenja minn barra waslet bil-bahar, bhal ma jigri f'kazijiet ohra. Illi tali spiza jidher illi kienet mehtiega minhabba l-fatt illi l-attur ipprefera jixtri *fittings* li jinhadmu barra minn Malta, milli dawk li jinhadmu hawn Malta. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi dan l-ammont ghandu jithallas mill-konvenut lill-attur.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jillibera lill-konvenuta Anne Catania mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, jilqa' *in parte* t-talba tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenut Patrick Catania u jikkundanna lill-istess konvenut Patrick Catania jhallas lill-attur is-somma ta' elf tliet mija sebgha u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez, inkluz tas-sentenza preliminari, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------